# Il-Beatu Angel M. Prat Hostench

***u sħabu sittax-il martri Spanjoli***



Fl-1936, sbatax-il Karmelitan ġejjin minn diversi komunitajiet madwar Spanja inagħtaw il-martirju għax iddefendew il-fidi Nisranija tagħhom.

Fit-28 ta' Lulju fl-istazzjoni tal-ferrovija ta' Tarrega, tnax-il reliġjuż membri tal-Komunita ta' Tarrega kienu arrestati. Huma kienu meħuda fi Clots dels Aubens di Cervera fejn ġew maqtula permezz ta' tir fid-29 ta' Lulju waqt li huma bdew jgħajtu l-Isem ta' Ġesu u l-Madonna tal-Karmnu.

Dawn kienu: Patri Pirjol Ángel Maria Prat Hostench, is-Surmast tan-Novizzi Patri Eliseo Maria Maneus Besalduch, Patri Anastasio Maria Dorca Coramina, mill-Komunita ta' Olot (Girona) li inzerta kien qiegħed jippridtka fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu f' Tarrega u Patri Eduardo Maria Serrano Buj. Magħhom kien hemm ukoll numru ta' Brothers, Pedro Maria Ferrer Marin, Andrés Maria Solé Rovina, Juan Maria Puigmitjà Rubió, Miguel Maria, Soler Sala, Pedro–Tomás Maria Prat Colledecarrara u Eliseo Maria Fontdecaba Quiroga u novizzi Elías Maria Garre Egea u José Maria Escoto Ruíz.

Fil-lejl tat-13 ta' Awissu, f'Barcelona Sr. Mary ta' Badía Flaquer kienet arrestata u maqtula għax idefendiet il-fidi tagħha f'Ġesu.

Il-brother Eufrosino Maria Raga Nadal ukoll kien maqtul fit-3 ta' Ottubru.

Brother Ludovico Maria Ayet Canós u Brother Angel Maria Presta Batlle, Karmelitani mill-Komunita ta' Terrassa (Barcelona) kienu arrestati fil-21 ta' Lulju u mitfuħa fil-ħabs ta' Modelo (Barcelona). Fit-13 ta' Awissu huma kienu maqtula fic-cimiterju ta' Terrassa.

Il-Pirjol tal-komunita ta' Olot, Patri Fernando Maria Llobera Puigsech, kien maqtul f'Montjuic (Barcelona) wara taparsi ġuri qasir għax kien reliġjuż.

www.fleurdelysparish.com

Il-proċess ta' beatifikazzjoni beda fid-djoċesi ta' Barcelona f'Settembru 1959. Fis-26 ta' Ġunju 2006, il-Papa Benedittu XVI iffirma d-digriet tal-Beatifikazzjoni u fit-28 ta'Ottubru 2007 huma kienu beatifikati flimkien ma grupp ta' 498 martri Spanjoli tas-Seklu XX fi pjazza San Pietru f'Ruma. Dan kien l-ikbar numru ta' persuni ibbeatifikati fi grupp wieħed fl-istorja tal-Knisja.

It-tifkira ta' dawn il-Beati martri tkun ċelebrata fl-4 ta' Mejju.

**www.fleurdelysparish.com**

Find us on

***fleurdelysmalta.parish***

www.fleurdelysparish.com